

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 957/2008**tad-29 ta' Settembru 2008**

li jidderoga għall-perjodu tal-kwoti 2008/2009 mir-Regolament (KE) Nru 616/2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Uniku) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/360/KE tad-29 ta' Mejju 2007 dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet fil-forma ta' minuti maqbula rigward l-emenda tal-konċessjonijiet previsti għal-laħam tat-tjur, bejn il-Komunità Ewropea u, rispettivament, ir-Repubblika Federali tal-Brażil u r-Renju tat-Tajlandja, skond it-Titolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi Doganali u l-Kummerċ (GATT 1994) ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Awwissu 2008 l-Brażil ippubblika Direttiva ⁽³⁾ relatata mal-proċedura taċ-ċertifikati tal-orijini b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008.
- (2) Minħabba l-inċertezza dwar il-kondizzjonijiet marbuta mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-orijini għall-prodotti li joriġinaw fil-Brażil, f'dan l-istadju ta' rappurtar f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet tal-orijini l-perjodu tal-applikazzjoni għas-subperjodu tal-importaz-

zjonijiet mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2009, li konformi mal-Artikolu 5 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ⁽⁴⁾, ġie ffissat għall-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Ottubru 2008.

- (3) B'konsegwenza għall-perjodu tal-kwoti 2008/2009 għanda ssir deroga, għal din l-orijini, skond id-dispożizzjonijiet, mill-Artikolu 5(1) tar-Regolament KE Nru 616/2007.
- (4) Fid-dawl tal-fatt li l-perjodu għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għas-subperjodu li jmiss għandu jibda fl-1 ta' Ottubru 2008, huwa essenzjali li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 5(1), tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu tal-kwoti li jibda mill-ewwel 1 ta' Jannar 2009, l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat għall-prodotti relatati mal-gruppi 1, 4 u 7 ma tistax tiġi ppreżentata biss fl-ewwel sebat ijiem ta' Novembru 2008.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 138, 30.5.2007, p. 10.

⁽³⁾ Portaria (Ordni Ministerjali) Nru 16, tal-1 ta' Awwissu 2008, Diario Oficial da Uniao, 5.8.2008.

⁽⁴⁾ ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.